MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tad-9 ta' Frar, 2005

Numru. 112/2005

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Agius)**
**vs**
**Aaron Axisa**

**Illum, 9 ta' Frar, 2005**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-pulizija kontra Aaron Axisa, iben Carmelo u Marianna nee' Bartolo, ta' 22 sena imwieled Pieta u joqghod numru 57, Triq il-Garakol, Ghaxaq, detentur tal-karta ta' identita' numru 461582M fejn gie akkuzat talli:

Fit-8 ta' Frar, 2005 ghall-habta tas-siegha ta' wara nofs inhar (13:00) gewwa Hal Ghaxaq ikkommetta serq ta' mobile mill-vann tal-marka Isuzu bin-numru tar-registrazzjoni DBA 164 li jiswa' Lm45 ghad-dannu ta' Richard Fenech minn Birkirkara, liema serq huwa

aggravat bix-xorta tal-haga misruqa meta sar fuq xi vettura f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku, jew fuq xi parti jew accessorju ta', jew fuq xi haga li tkun go, dik il-vettura bi ksur ta' l-Artikolu 271 (g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess jum, lok u cirkostanzi xjentement f'Malta zamm ghandu hwejjeg misruq, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dikjarazzjoni ta' htija ta' l-imputat;

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni;

Ssibu hati;

Rat l-Artikoli 271(g) u 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Stante c-cirkostanzi tillibera lill-imputat taht il-provedimenti ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 ghall-perijodu ta' sentejn u tinnomina lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jahtar probation officer ghaz-zmien fuq imsemmi li ghandu jipprezenta l-ewwel rapport fi zmien xahrejn millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------